**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 22 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Johan J. Fenech**

**Vs**

**Ritianne Cutajar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Ritianne Cutajar ta' 35 sena, imwielda l-Pieta' fil- 25 ta' Awwissu 1980, bint Emanuel u Dolores nee' Bonavia, residenti gewwa Nru 147, 'Salvina', Triq il-Karmnu, Fgura u/jew Nru 30, Triq il-Qawwara, Marsaskala u detentrici ta' karta tal-identita' nru 145181M;

Talli nhar il-21 t' April 2016, gewwa z-Zejtun:

1) Ingurjat, jew hedded jew ghamlet offiza fuq PS 639 Jean Mar Mangion, PC 1042 Aaron Caruana u PC 417 Louis Degabriele, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li

tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess PS 639, PC 1042 u PC 417, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li agexxew ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi;

3) Ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 639 Jean Mar Mangion u PC 1042 Aaron Caruana skond kif iccertifika Dr. Mark Grech MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, persuni ta' ufficjali pubblici jew inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku jew li huma jew kienu ufficjali jew impjegati ta' korp kostitwit b'Ligi neta r-reat sar minhabba li dawk il-persuni kienu ghamlu d-dmirijiet tal-kariga taghhom;

4) Hebbet kontra l-persuni ta' Alfred, Michael u Keith Caruana miz-Zejtun sabiex tingurjahom, iddejjaqhom jew taghmlilhom hsara;

5) Irrifjutat taghti, jew tat falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, isimha, kunjomha, fejn toqghod u partikularitajiet ohra;

6) Ghad illi kienet xurbana, qalet fil-pubbliku x kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlet atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendiet il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

7) B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali, kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

8) M'obdietx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallIethomx jew fixklithom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd,

indahlet fi dmirijithom, billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

9) F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instabet fis-sakra b'mod li ma kinitx tista' tiehu hsieb taghha nnifisha; jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, tkun tidher bic-car fis-sakra waqt li kellha l-hsieb ta' makni bl-istim jew ta' xi vettura, inkella, waqt li kienet f'dak l-istat, dejjqet in-nies jew ghamlet storbju, jew ma kinitx trid tohrog minn hanut tax-xorb, hanut tal-ikel, tverna jew lukanda.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-22 t'April 2016, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat iz-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96(a), 222(1)(c), 339(1)(d), 338(g), 338(bb), 338(dd), 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputata hatja w tikkundannha ghall-piena ta’ sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre tikkundannaha ghall-multa ta’ €800 li thallas €50 fix-xahar a tenur tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**